C/2024/1770

22.3.2024

P9_TA(2023)0316

Emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament bl-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2023 dwar emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament bl-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà (2023/2095(REG)) (*)

(C/2024/1770)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu tad-9 ta' Marzu 2023,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 236 u 237 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0262/2023),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jiddeċiedi li l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2023; jiddeċiedi li l-emendi li jagħtu s-setgħa lill-Bureau u lill-Kwesturi biex jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni għandhom madankollu japplikaw mid-data li fiha tiġi adottata din id-Deċiżjoni;

3. Jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi mressqa abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal Proċedura fis-seħħ fid-data li fiha tiġi adottata din id-Deċiżjoni jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2023;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 11

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 11	Artikolu 11
Interessi finanzjarji tal-Membri u Reġistru ta' trasparenza	***Regoli ta' kondotta rigward l-integrità u t-trasparenza***
1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli ***li jirregolaw it-trasparenza tal-interessi finanzjarji tal-Membri tiegħu*** fil-forma ta' Kodiċi ta' Kondotta adottat mill-maġġoranza tal-Membri tiegħu, u mehmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness ([5]).	1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli ***ta' kondotta rigward l-integrità u t-trasparenza*** fil-forma ta' Kodiċi ta' Kondotta, adottat mill-maġġoranza tal-Membri tiegħu, u mehmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness ([5]).
Dawk ir-regoli m'għandhomx joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.	Dawk ir-regoli m'għandhomx joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.

(*) Ir-referenzi għal "cp" fl-intestaturi tal-emendi adottati għandhom jinftiehmu bħala l-parti korrispondenti ta' dawk l-emendi.

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Membri għandhom jadottaw il-prattika sistematika li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li huma rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza ([6]).	
3. Il-Membri għandhom jippublikaw online il-laqgħat skedati kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jidħlu fl-ambitu tal-Ftehim Interistituzzjonali. Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(6) tal-Anness I, ir-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati għandhom, għal kull rapport, jippubblikaw online il-laqgħat skedati kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jidħlu fl-ambitu tal-Ftehim Interistituzzjonali. Il-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-websajt tal-Parlament.	
4. Il-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-paġna web tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament għal dawk il-Membri li jixtiequ jippubblikaw awditjar volontarju jew konferma, kif previst fir-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, li l-użu minnhom tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.	4. Il-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-paġna web tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament għal dawk il-Membri li jixtiequ jippubblikaw awditjar volontarju jew konferma, kif previst fir-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, li l-użu minnhom tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.
5. Dawn ir-regoli m'għandhomx joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.	
6. Il-kodiċi ta' kondotta ***u d-drittijiet u l-privileġġi ta'*** ex Membri ***għandhom jiġu stabbiliti*** b'deċiżjoni tal-Bureau. ***M'għandhiex issir distinzjoni fit-trattament ta' ex Membri.***	6. Il-kodiċi ta' kondotta ***fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza għal*** ex Membri ***għandu jiġi stabbilit*** b'deċiżjoni tal-Bureau.

([5]) Ara l-Anness I.

([6]) Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

([5]) Ara l-Anness I.

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 35

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 35	Artikolu 35
Intergruppi	Intergruppi
1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw Intergruppi***, jew gruppi mhux uffiċjali oħrajn ta' Membri,*** bl-iskop li jiġu organizzati skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, madwar il-gruppi politiċi differenti, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' kumitati parlamentari differenti, u bl-iskop li jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.	1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw intergruppi bl-iskop li jiġu organizzati skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, madwar il-gruppi politiċi differenti, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' kumitati parlamentari differenti, u bl-iskop li jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. L-intergruppi ***kif ukoll gruppi oħra mhux uffiċjali*** għandhom ikunu ***trasparenti għalkollox*** fl-azzjonijiet tagħhom ***u*** m'għandhomx jinvolvu ruħhom ***f'kwalunkwe attività*** li ***tista' tirriżulta*** f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Huma ma jistgħux jorganizzaw avvenimenti f'pajjiżi terzi li jikkoinċidu ma' missjoni ta' korp uffiċjali tal-Parlament, inkluża delegazzjoni uffiċjali għall-osservazzjoni ta' elezzjonijiet.	2. L-intergruppi għandhom ikunu ***kompletament trasparenti*** fl-azzjonijiet tagħhom***. Huma*** m'għandhomx jinvolvu ruħhom ***f'attivitajiet*** li ***jistgħu jirriżultaw*** f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu***. B'mod partikolari, ma għandhomx jużaw l-isem jew il-logo tal-Parlament.*** Huma ma jistgħux jorganizzaw avvenimenti f'pajjiżi terzi li jikkoinċidu ma' missjoni ta' korp uffiċjali tal-Parlament, inkluża delegazzjoni uffiċjali għall-osservazzjoni ta' elezzjonijiet.
3. Sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli interni tal-Parlament li jirregolaw l-istabbiliment ta' ***dawn il-gruppi*** jiġu rispettati, grupp politiku jista' jiffaċilita l-attivitajiet ta' tali gruppi billi jipprovdilhom appoġġ loġistiku.	3. Sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli interni tal-Parlament li jirregolaw l-istabbiliment ta' ***intergruppi*** jiġu rispettati, grupp politiku jista' jiffaċilita l-attivitajiet ta' tali gruppi billi jipprovdilhom appoġġ loġistiku.
4. L-intergruppi għandhom jiġu rikjesti jagħmlu dikjarazzjoni annwali dwar kwalunkwe appoġġ, ***sew*** fi flus kontanti ***u sew*** in natura ***(eż. assistenza fix-xogħol tas-segretarjat)*** li, kieku ġie offrut lill-Membri bħala individwi, kien ikollu jiġi ddikjarat taħt l-Anness I.	4. L-intergruppi għandhom jiġu rikjesti jagħmlu dikjarazzjoni annwali dwar kwalunkwe appoġġ, ***inkluż*** fi flus kontanti ***jew*** in natura li, kieku ġie offrut lill-Membri bħala individwi, kien ikollu jiġi ddikjarat taħt l-Anness I.
Gruppi mhux uffiċjali oħra għandhom ikunu wkoll meħtieġa jiddikjaraw, sa tmiem ix-xahar ta' wara, kull appoġġ, kemm jekk ikun fi flus jew in natura, li l-Membri ma jkunux iddikjaraw individwalment b'mod konformi mal-obbligi tagħhom previsti fl-Anness I.	
5. Ir-rappreżentanti ta' interess ***li huma rreġistrati fir-Reġistru ta' trasparenza biss*** jistgħu jipparteċipaw ***fl-intergrupp jew*** f'attivitajiet ***ta' gruppi mhux uffiċjali oħra*** organizzati fil-bini tal-Parlament, pereżempju billi jattendu laqgħat jew avvenimenti tal-intergrupp ***jew grupp mhux uffiċjali ieħor***, billi joffru appoġġ għalih, jew billi jospitaw l-avvenimenti tiegħu b'mod konġunt.	5. Ir-rappreżentanti ta' interess jistgħu jipparteċipaw ***biss*** f'attivitajiet ***tal-intergrupp*** organizzati fil-bini tal-Parlament, pereżempju billi jattendu laqgħat jew avvenimenti tal-intergrupp, billi joffru appoġġ għalih, jew billi jospitaw l-avvenimenti tiegħu b'mod konġunt***, jekk ikunu mdaħħla fir-reġistru tat-trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza ([14a]).***
6. Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4. ***Il-Kwesturi għandhom jadottaw*** regoli dettaljati dwar ***dawn*** id-dikjarazzjonijiet u l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-Parlament.	6. Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru ***pubbliku tal-intergruppi u*** tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4. ***Il-Bureau għandu jadotta*** regoli dettaljati ***dwar dak ir-reġistru u*** dwar ***dawk*** id-dikjarazzjonijiet u l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-Parlament.
7. Il-Kwesturi għandhom jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu.	7. Il-Kwesturi għandhom jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu.
	7a. Fil-każ ta' ksur ta' dan l-Artikolu, il-Kwesturi jistgħu jimponu fuq l-intergrupp projbizzjoni fuq l-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament għal perjodu li ma jistax imur lil hinn mill-bqija tal-leġiżlatura.

Test fis-sehh	*Emenda*
	(14a) Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 35a (ġdid)

Test fis-sehh	*Emenda*
	Artikolu 35a
	Gruppi mhux uffiċjali
	1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw gruppi mhux uffiċjali bl-iskop li jiġu organizzati skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, fost il-gruppi politiċi differenti, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' kumitati parlamentari differenti, u bl-iskop li jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.
	2. Il-gruppi mhux uffiċjali għandhom ikunu kompletament trasparenti fl-azzjonijiet tagħhom. Huma ma għandhomx jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jistgħu jirriżultaw f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. B'mod partikolari, ma għandhomx jużaw l-isem jew il-logo tal-Parlament. Huma ma jistgħux jorganizzaw avvenimenti f'pajjiżi terzi li jikkoinċidu ma' missjoni ta' korp uffiċjali tal-Parlament, inkluża delegazzjoni uffiċjali għall-osservazzjoni ta' elezzjonijiet. Il-membri li jipparteċipaw fi gruppi mhux uffiċjali għandhom jiżvelaw b'mod proattiv lill-interlokuturi esterni li qed jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala Membri individwali.
	3. Grupp politiku jista' jiffaċilita l-attivitajiet ta' gruppi mhux uffiċjali billi jipprovdilhom appoġġ loġistiku, ħlief fil-każ ta' gruppi mhux uffiċjali relatati ma' pajjiżi terzi li għalihom teżisti delegazzjoni interparlamentari permanenti kif imsemmi fl-Artikolu 223.
	Gruppi mhux uffiċjali relatati ma' pajjiżi terzi li għalihom teżisti delegazzjoni interparlamentari permanenti kif imsemmi fl-Artikolu 223 ma għandhomx jibbenefikaw mill-ebda faċilità tal-Parlament għall-attivitajiet tagħhom.
	Ir-relazzjoni mal-pajjiż terz tista' tirriżulta mill-isem jew l-attivitajiet tal-grupp mhux uffiċjali.

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4. Gruppi mhux uffiċjali għandhom ikunu meħtieġa jiddikjaraw, sal-aħħar tax-xahar ta' wara, kwalunkwe appoġġ, inkluż fi flus jew in natura. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, il-President tal-grupp jew, jekk il-grupp ma jkollux President, kwalunkwe Membru li jipparteċipa fih għandu jiddikjara l-appoġġ fi żmien 10 ijiem tax-xogħol wara t-tmiem ta' dik l-iskadenza.
	5. Ir-rappreżentanti ta' interess jistgħu jipparteċipaw biss f'attivitajiet tal-grupp mhux uffiċjali organizzati fil-bini tal-Parlament, pereżempju billi jattendu laqgħat jew avvenimenti tal-grupp mhux uffiċjali, billi joffru appoġġ għalih, jew billi jospitaw l-avvenimenti tiegħu b'mod konġunt, jekk ikunu mdaħħla fir-reġistru tat-trasparenza.
	6. Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru pubbliku tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 u tal-gruppi mhux uffiċjali li ppreżentawhom. Il-Bureau għandu jadotta regoli dettaljati dwar dak ir-reġistru u dwar dawk id-dikjarazzjonijiet u l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-Parlament.
	7. Il-Kwesturi għandhom jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu.
	8. Fil-każ ta' ksur ta' din ir-Regola, il-Kwesturi jistgħu jimponu fuq l-grupp mhux uffiċjali projbizzjoni fuq l-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament għal perjodu li ma jistax imur lil hinn mill-bqija tal-leġiżlatura.

Emenda 4

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 123

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 123	Artikolu 123
Aċċess għall-Parlament	Aċċess għall-Parlament
1. Il-kards ta' aċċess għall-Membri, l-assistenti tal-Membri u terzi persuni għandhom jinħarġu abbażi tar-regoli stabbiliti mill-Bureau. Dawk ir-regoli għandhom jirregolaw ukoll l-użu u l-irtirar ta' kards ta' access.	1. Il-kards ta' aċċess għall-Membri, ***ex Membri,*** l-assistenti tal-Membri u terzi persuni għandhom jinħarġu abbażi tar-regoli stabbiliti mill-Bureau. Dawk ir-regoli għandhom jirregolaw ukoll l-użu u l-irtirar ta' kards ta' access.
2. Il-kards ma għandhomx jinħarġu lil individwi f'entourage ta' Membru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ***tat-***trasparenza.	2. Il-kards ma għandhomx jinħarġu lil individwi f'entourage ta' Membru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ***ta'*** trasparenza.

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. L-entitajiet imdaħħla fir-reġistru ta' trasparenza u r-rappreżentanti tagħhom li ngħataw kards għal aċċess fit-tul għall-Parlament Ewropew jeħtiġilhom josservaw:	3. L-entitajiet imdaħħla fir-reġistru ta' trasparenza u r-rappreżentanti tagħhom li ngħataw kards għal aċċess fit-tul għall-Parlament Ewropew jeħtiġilhom josservaw:
— il-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reġistranti mehmuż mal-Ftehim Interistituzzjonali;	— il-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reġistranti mehmuż mal-Ftehim Interistituzzjonali;
— il-proċeduri u l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali; kif ukoll	— il-proċeduri u l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali; kif ukoll
— id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dan l-Artikolu.	— id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dan l-Artikolu.
Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli ġenerali li jirregolaw l-irtirar jew id-diżattivazzjoni temporanja tal-kards għal aċċess fit-tul, u sakemm ma jkunx hemm argumenti sinifikattivi kontra dan, is-Segretarju Ġenerali għandu, bl-awtorizzazzjoni tal-Kwesturi, jirtira jew jiddiżattiva kard għal aċċess fit-tul fejn id-detentur tagħha jkun tneħħa mir-reġistru ta' trasparenza għal ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reġistranti, jew ikun ħati ta' ksur serju tal-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu, jew ikun irrifjuta, mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni suffiċjenti, milli jikkonforma ma' talba formali sabiex jattendi smigħ jew laqgħa tal-kumitat jew li jikkoopera ma' kumitat ta' inkjesta.	Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli ġenerali li jirregolaw l-irtirar jew id-diżattivazzjoni temporanja tal-kards għal aċċess fit-tul, u sakemm ma jkunx hemm argumenti sinifikattivi kontra dan, is-Segretarju Ġenerali għandu, bl-awtorizzazzjoni tal-Kwesturi, jirtira jew jiddiżattiva kard għal aċċess fit-tul fejn id-detentur tagħha jkun tneħħa mir-reġistru ta' trasparenza għal ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reġistranti, jew ikun ħati ta' ksur serju tal-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu, jew ikun irrifjuta, mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni suffiċjenti, milli jikkonforma ma' talba formali sabiex jattendi smigħ jew laqgħa tal-kumitat jew li jikkoopera ma' kumitat ta' inkjesta.
4. Il-Kwesturi jistgħu jiddeterminaw sa fejn il-kodiċi ta' kondotta msemmi fil-paragrafu 3 huwa applikabbli għall-persuni li, filwaqt li għandhom kard ta' aċċess fit-tul, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali.	4. Il-Kwesturi jistgħu jiddeterminaw sa fejn il-kodiċi ta' kondotta msemmi fil-paragrafu 3 huwa applikabbli għall-persuni li, filwaqt li għandhom kard ta' aċċess fit-tul, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali.
5. Il-Bureau, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta r-reġistru ta' trasparenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali.	5. Il-Bureau, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta r-reġistru ta' trasparenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Emenda 5

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 176

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 176	Artikolu 176
Sanzjonijiet	Sanzjonijiet
1. F'każijiet serji ta' ksur tal-Artikolu 10 (2) sa (9), il-President għandu jadotta deċiżjoni motivata li timponi fuq il-Membru kkonċernat is-sanzjoni xierqa, skont dan l-Artikolu.	1. F'każijiet serji ta' ksur tal-Artikolu 10 (2) sa (9***), l-Artikolu 35 jew l-Artikolu 35a***, il-President għandu jadotta deċiżjoni motivata li timponi fuq il-Membru kkonċernat is-sanzjoni xierqa, skont dan l-Artikolu.

Test fis-seħħ	*Emenda*
Fir-rigward tal-Artikolu 10 (3) jew (4), il-President jista' jadotta deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu irrispettivament minn jekk preċedentement tkunx ġiet imposta jew le miżura immedjata skont it-tifsira tal-Artikolu 175 fuq il-Membru kkonċernat.	Fir-rigward tal-Artikolu 10(3) jew (4), il-President jista' jadotta deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu irrispettivament minn jekk preċedentement tkunx ġiet imposta jew le miżura immedjata skont it-tifsira tal-Artikolu 175 fuq il-Membru kkonċernat.
Fir-rigward tal-Artikolu 10 (6), il-President jista' jadotta biss deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu wara li jiġi stabbilit li seħħ fastidju skont il-proċedura amministrattiva interna applikabbli dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu.	Fir-rigward tal-Artikolu 10(6), il-President jista' jadotta biss deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu wara li jiġi stabbilit li seħħ fastidju skont il-proċedura amministrattiva interna applikabbli dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu.
Il-President jista' jimponi sanzjoni fuq Membru f'każijiet fejn issir dispożizzoni, minn dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew b'deċiżjoni adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 25, għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.	***1a***. Il-President jista' ***wkoll*** jimponi sanzjoni fuq Membru f'każijiet fejn issir dispożizzoni, minn dawn ir-Regoli ta' Proċedura***, inkluż il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza ([32a]),*** jew b'deċiżjoni adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 25, għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.
2. Il-Membru kkonċernat għandu jiġi mistieden mill-President jissottometti osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni. Il-President jista' jiddeċiedi li jsejjaħ seduta orali minflok kull meta dan ikun aktar xieraq.	2. Il-Membru kkonċernat għandu jiġi mistieden mill-President jissottometti osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni. Il-President jista' jiddeċiedi li jsejjaħ seduta orali minflok kull meta dan ikun aktar xieraq.
Id-deċiżjoni li timponi s-sanzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat ***permezz ta' ittra rreġistrata jew, f'każijiet ta' urġenza, permezz tal-uxxiera***.	Id-deċiżjoni li timponi s-sanzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat.
Wara li dik id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat, kwalunkwe sanzjoni imposta fuq Membru għandha titħabbar mill-President lill-Parlament. L-uffiċjali li jippresiedu l-korpi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, għandhom jiġu infurmati.	***Ladarba s-sanzjoni ssir finali, din*** għandha titħabbar mill-President fil-Parlament. L-uffiċjali li jippresiedu l-korpi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, għandhom jiġu infurmati.
Ladarba s-sanzjoni ssir finali, hija għandha tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq il-websajt tal-Parlament***, u għandha tibqa' hemm għall-bqija tal-leġiżlatura parlamentari***.	***Is-sanzjoni imposta*** għandha tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq il-websajt tal-Parlament ***u fuq il-paġna tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament***.
3. Waqt il-valutazzjoni tal-kondotta osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, u s-serjetà tagħha. Jekk ikun applikabbli għandu jitqies id-dannu possibbli fuq id-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament.	3. Waqt il-valutazzjoni tal-kondotta osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, u s-serjetà tagħha. Jekk ikun applikabbli għandu jitqies id-dannu possibbli fuq id-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament.
4. Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:	4. ***Is-sanzjoni imposta għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva.*** Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:
(a) twissija;	(a) twissija;

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) projbizzjoni għall-Membru milli jirrappreżenta lill-Parlament f'delegazzjoni interparlamentari, konferenza interparlamentari jew kwalunkwe forum interistituzzjonali, għal mhux iżjed minn sena;
	(ab) fil-każ ta' ksur tal- kunfidenzjalità, limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata għal mhux iżjed minn sena;
(b) it-telf tad-dritt għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u ***tletin*** jum;	(b) it-telf tad-dritt għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u ***sittin*** jum;
(c) mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta mal-istandards ta' kondotta tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn u ***tletin*** jum li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħssed mill-korpi, kumitati jew delegazzjonijiet tiegħu;	(c) mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta mal-istandards ta' kondotta tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn u ***sittin*** jum li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħssed mill-korpi, kumitati jew delegazzjonijiet tiegħu;
(d) projbizzjoni għall-Membru milli jirrappreżenta lill-Parlament f'delegazzjoni interparlamentari, konferenza interparlamentari jew kwalunkwe forum interistituzzjonali, għal mhux iżjed minn sena;	
(e) fil-każ ta' ksur tal- kunfidenzjalità, limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata għal mhux iżjed minn sena.	
5. Il-miżuri stipulati ***fil-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 4*** jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' ksur ripetut, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 175(3).	5. Il-miżuri stipulati ***fil-paragrafu 4, il-punti (aa) sa (c),*** jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' ksur ripetut, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 175(3).
6. Barra minn dan, il-President jista' jippreżenta proposta lill-Konferenza tal-Presidenti għas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-Membru minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.	6. Barra minn dan, il-President jista' jippreżenta proposta lill-Konferenza tal-Presidenti għas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-Membru minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.
	6a. Il-President għandu jiddeċiedi dwar il-perjodu ta' pubblikazzjoni tas-sanzjoni filwaqt li jqis li l-perjodu minimu ta' pubblikazzjoni għandu jkun, irrispettivament mit-tmiem tal-mandat tal-Membru kkonċernat, kif ġej:

Test fis-seħħ	*Emenda*
	— sentejn għas-sanzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (aa) u (ab) tal-paragrafu 4;
	— tliet snin għas-sanzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 4.
	Madankollu, f'każijiet ta' ksur minuri, il-President jista' jiddeċiedi dwar perjodu iqsar ta' pubblikazzjoni.
	([32a]) Ara l-Anness I.

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
ANNESS I	ANNESS I
KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW ***FIR-RIGWARD TAL-INTERESSI FINANZJARJI U L-KUNFLITTI TA' INTERESSI***	KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW ***FIR-RIGWARD TAL-INTEGRITÀ U T-TRASPARENZA***

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 1	Artikolu 1
Il-prinċipji gwida	Il-prinċipji gwida
Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:	Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:
(a) jispiraw ruħhom u jaġixxu skont il-prinċipji ta' kondotta ġenerali li ġejjin: id-diżinteress, l-integrità, it-trasparenza, id-diliġenza, l-onestà, ir-responsabbiltà u r-rispett ***għar-reputazzjoni*** tal-Parlament,	(a) jispiraw ruħhom u jaġixxu skont il-prinċipji ta' kondotta ġenerali li ġejjin: id-diżinteress, l-integrità, it-trasparenza, id-diliġenza, l-onestà, ir-responsabbiltà u r-rispett ***għad-dinjità u r-reputazzjoni*** tal-Parlament,
(b) jaġixxu biss fl-interess pubbliku u la jiksbu u lanqas jippruvaw jiksbu benefiċċju ***finanzjarju*** dirett jew indirett jew xi ħlas ieħor.	(b) jaġixxu biss fl-interess pubbliku u la jiksbu u lanqas jippruvaw jiksbu benefiċċju dirett jew indirett jew xi ħlas ieħor.

Emenda 8

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 2	Artikolu 2
Dmirijiet ewlenin tal-Membri	Dmirijiet ewlenin tal-Membri
Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:	Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:
(a) ma għandhom jidħlu fl-ebda ftehim li jwassalhom għal att jew vot fl-interess ta' terza persuna, li jista' jipperikola l-libertà tal-vot tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni diretta universali u l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,	(a) ma għandhom jidħlu fl-ebda ftehim li jwassalhom għal att jew vot fl-interess ta' terza persuna, li jista' jipperikola l-libertà tal-vot tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni diretta universali u l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,
(b) ma għandhom ifittxu, jaċċettaw jew jirċievu l-ebda benefiċċju dirett jew indirett, jew kwalunkwe premju ieħor, fi flus kontanti jew in natura, bi skambju għal imġiba speċifika fl-ambitu tax-xogħol parlamentari tal-Membru, u għandhom jieħdu miżuri stretti sabiex jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika tixħim, korruzzjoni, jew influwenza indebita,	(b) ma għandhom ifittxu, jaċċettaw jew jirċievu l-ebda benefiċċju dirett jew indirett, jew kwalunkwe premju ieħor, ***inklużi*** fi flus kontanti jew in natura, bi skambju għal imġiba speċifika fl-ambitu tax-xogħol parlamentari tal-Membru, u għandhom jieħdu miżuri stretti sabiex jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika tixħim, korruzzjoni, jew influwenza indebita,
(c) ma għandhomx jidħlu ***f'attività*** professjonali ta' lobbying marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni.	(c) ma għandhomx jidħlu ***f'attivitajiet*** professjonali ta' lobbying marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni.

Emenda 9

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 3	Artikolu 3
Kunflitti ta' interess	Kunflitti ta' interess
1. Kunflitt ta' interess jeżisti meta Membru ***jkollu interess personali li jista' jinfluwenza b'mod*** mhux xieraq ***il-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew***. M'hemmx kunflitt ta' interess meta Membru jibbenefika biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' kategorija wiesgħa ta' persuni.	1. Kunflitt ta' interess jeżisti meta ***l-eżerċizzju tal-mandat ta'*** Membru tal-Parlament Ewropew ***fl-interess pubbliku jista' jiġi influwenzat b'mod*** mhux xieraq ***għal raġunijiet li jinvolvu l-familja tiegħu jew tagħha, il-ħajja emozzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess privat ieħor dirett jew indirett***. M'hemmx kunflitt ta' interess meta Membru jibbenefika biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' kategorija wiesgħa ta' persuni.

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Kwalunkwe*** Membru li ***jsib li għandu*** kunflitt ta' interess għandu ***jieħu*** minnufih ***il-miżuri meħtieġa biex isib rimedju, skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta***. Jekk ***il-Membru*** ma jkunx jista' jsolvi ***l-kunflitt ta' interess, huwa*** għandu ***jirrappurtah bil-miktub lill-President***. ***Fil-każ ta' ambigwità, il-Membru jista' jitlob il-parir tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri tal-Parlament, stabbilit bl-Artikolu 7.***	2. ***Il-Membri għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jiskopru kunflitti ta' interess.***
	Membru li ***jsir konxju li għandu*** kunflitt ta' interess għandu immedjatament ***jipprova jsolvih***. Jekk ma jkunx jista' jsolviha, ***il-Membru*** għandu ***jiżgura li l-interess privat ikkonċernat jiġi ddikjarat skont l-Artikolu 4***.
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-Membri għandhom jiżvelaw, qabel ma jitkellmu jew jivvutaw fil-plenarja jew fil-korpi tal-Parlament***, jew jekk ikunu proposti bħala rapporteur,*** kull kunflitt ta' interess ***attwali jew potenzjali*** rigward il-kwestjoni li tkun qed tiġi eżaminata, meta dan ma jkunx evidenti mit-tagħrif iddikjarat skont l-Artikolu 4. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir bil-fomm ***jew bil-miktub lill-president matul id-dibattiti parlamentari inkwistjoni***.	3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-Membri għandhom jiżvelaw, qabel ma jitkellmu jew jivvutaw fil-plenarja jew fil-korpi tal-Parlament, kull kunflitt ta' interess rigward il-kwestjoni li tkun qed tiġi eżaminata, meta dan ma jkunx evidenti mit-tagħrif iddikjarat skont l-Artikolu 4. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir bil-fomm ***permezz tal-intervent fis-seduta jew fil-laqgħa kkonċernata***.
	3a. Qabel ma jieħu l-kariga ta' Viċi President, Kwestur, President jew Viċi President ta' kumitat jew delegazzjoni, il-Membru għandu jissottometti dikjarazzjoni li tindika jekk hux konxju jew le li għandu kunflitt ta' interess fir-rigward tar-responsabbiltajiet ta' dak l-uffiċċju.
	Jekk il-Membru jkun konxju li għandu tali kunflitt ta' interess, għandu jiddeskrivi l-kunflitt f'dik id-dikjarazzjoni. F'dak il-każ, jista' jieħu l-kariga biss jekk il-korp rispettiv jiddeċiedi li l-kunflitt ta' interess ma jwaqqafx lill-Membru milli jeżerċita l-mandat tiegħu fl-interess pubbliku.
	Meta jinqala' tali kunflitt ta' interess waqt l-eżerċizzju tal-kariga inkwistjoni, il-Membru għandu jissottometti dikjarazzjoni li tiddeskrivi dak il-kunflitt u għandu joqgħod lura milli jeżerċita r-responsabbiltajiet fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni ta' kunflitt, sakemm il-korp rispettiv ma jiddeċidix li l-kunflitt ta' interess ma jipprevjenix lill-Membru milli jeżerċita l-mandat tiegħu fl-interess pubbliku.
	3b. Membru li jiġi propost bħala rapporteur jew shadow rapporteur jew bħala parteċipant f'delegazzjoni uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali għandu jissottometti dikjarazzjoni li tindika jekk hux konxju jew le li għandu kunflitt ta' interess fir-rigward rispettivament tar-rapport jew tal-opinjoni jew id-delegazzjoni jew in-negozjati inkwistjoni. Jekk il-Membru jkun konxju li għandu tali kunflitt ta' interess, għandu jiddeskrivi l-kunflitt f'dik id-dikjarazzjoni.

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fejn il-Membru li jkun ġie propost bħala rapporteur jiddikjara li għandu kunflitt ta' interess, il-kumitat rispettiv jista' jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa li l-Membru jista' madankollu jinħatar bħala rapporteur għar-raġuni li l-kunflitt ma jipprevjenix lill-Membru milli jeżerċita l-mandat tiegħu fl-interess pubbliku.
	Fejn il-Membru li jkun ġie propost bħala shadow rapporteur jew bħala parteċipant f'delegazzjoni uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali jiddikjara li għandu kunflitt ta' interess, il-grupp politiku rispettiv jista' jiddeċiedi li l-Membru jista' madankollu jiġi nnominat bħala shadow rapporteur jew bħala parteċipant f'delegazzjoni uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali għar-raġuni li l-kunflitt ma jipprevjenix lill-Membru milli jeżerċita l-mandat tiegħu fl-interess pubbliku. Il-korp rispettiv jista', madankollu, jopponi din il-ħatra b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa.
	3c. Il-Bureau għandu jfassal il-formola għad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3a u 3b ta' dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 9. Tali dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati fuq il-paġna online tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament.

Emenda 10

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 4	Artikolu 4
Dikjarazzjoni ***tal-Membri***	Dikjarazzjoni ***tal-interessi privati***
1. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-Membri għandhom ikunu ***personalment responsabbli għall-preżentazzjoni*** tad-dikjarazzjoni ta' interessi ***finanzjarji*** lill-President qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' sessjoni wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (jew, fil-kors tal-leġiżlatura, fi żmien 30 jum wara li jkunu ħadu l-kariga fil-Parlament), permezz tal-formola ***adottata*** mill-Bureau skont l-Artikolu 9. Huma għandhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom sa tmiem ix-xahar ta' wara dak li fih tkun seħħet kull bidla.	1. Għal raġunijiet ta' trasparenza ***u responsabbiltà***, il-Membri ***tal-Parlament Ewropew*** għandhom ***jippreżentaw*** dikjarazzjoni ta' interessi ***privati*** lill-President qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' sessjoni wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (jew, fil-kors tal-leġiżlatura, fi żmien 30 jum ***kalendarju*** wara li jkunu ħadu l-kariga fil-Parlament), permezz tal-formola ***mfassla*** mill-Bureau skont l-Artikolu 9. Huma għandhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom sa tmiem ix-xahar ta' wara dak li fih tkun seħħet kull bidla.
2. Id-dikjarazzjoni ta' interessi ***finanzjarji*** għandha tinkludi t-tagħrif li ġej, li għandu jiġi pprovdut b'mod preċiż:	2. Id-dikjarazzjoni ta' interessi ***privati*** għandha tinkludi t-tagħrif li ġej, li għandu jiġi pprovdut b'mod ***dettaljat u*** preċiż:
(a) l-attivita' jew l-attivitajiet professjonali tal-Membru matul it-tliet snin qabel ***il-ħatra tiegħu*** fil-Parlament, u l-***parteċipazzjoni*** tiegħu matul dak il-perjodu f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi,	(a) l-attivita' jew l-attivitajiet professjonali tal-Membru matul it-tliet snin qabel il-ħatra tiegħu fil-Parlament, u l-parteċipazzjoni matul dak il-perjodu f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi,

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) kwalunkwe salarju li l-Membru jirċievi għat-twettiq ta' mandat f'parlament ieħor,	
(c) kwalunkwe attività b'remunerazzjoni ***regolari mwettqa mill-Membru*** fl-istess żmien li jkun qed jeżerċita l-kariga ***tiegħu, kemm bħala impjegat u kemm jekk jaħdem għal rasu***,	(c) kwalunkwe attività remunerata ***mwettqa*** fl-istess żmien li jkun qed jeżerċita l-kariga tal-***Membru, inkluż l-isem tal-entità kif ukoll il-qasam u n-natura tal-attività, fejn ir-rimunerazzjoni totali tal-attivitajiet esterni kollha tal-Membru taqbeż il-EUR 5 000 gross f'sena kalendarja***,
(d) is-sħubija fi kwalunkwe kumitat jew bord ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew korpi ġuridiċi oħrajn, jew kwalunkwe attività oħra esterna rilevanti li uffiċjal ikun qed iwettaq***, kemm jekk il-parteċipazzjoni jew l-attività inkwistjoni tkun remunerata u kemm jekk le***,	(d) is-sħubija fi kwalunkwe kumitat jew bord ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew korpi ġuridiċi oħrajn, jew kwalunkwe attività oħra esterna rilevanti li uffiċjal ikun qed iwettaq,
(e) kwalunkwe attività esterna okkażjonali b'remunerazzjoni (inklużi l-attivitajiet ta' kitba, konferenzi jew konsulenza), jekk ir-remunerazzjoni totali tal-attivitajiet esterni okkażjonali kollha tal-Membru taqbeż il-EUR 5 000 f'sena kalendarja,	
(f) ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibbiltà ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il-parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni,	(f) ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibbiltà ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il-parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni,
(g) kull għajnuna, sew finanzjarja u sew fil-forma ta' riżorsi umani jew materjali, minbarra l-għajnuna pprovduta mill-Parlament, mogħtija lill-Membru minħabba l-attivitajiet politiċi tiegħu minn terzi persuni, li għandhom ikunu identifikati,	(g) kull għajnuna, sew finanzjarja u sew fil-forma ta' riżorsi umani jew materjali, minbarra l-għajnuna pprovduta mill-Parlament, mogħtija lill-Membru minħabba l-attivitajiet politiċi tiegħu minn terzi persuni, li għandhom ikunu identifikati,
(h) kwalunkwe interess ***finanzjarju ieħor*** li jista' jinfluwenza l-qadi tad-dmirijiet tal-Membru.	(h) kwalunkwe interess ***privat dirett jew indirett fis-sens tal-Artikolu 3(1)*** li jista' jinfluwenza l-qadi tad-dmirijiet tal-Membru ***u li mhuwiex imsemmi fil-punti (a) sa (g)***.
Għal kwalunkwe punt li jrid jiġi ddikjarat skont ***l-ewwel subparagrafu***, il-Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jindikaw jekk ***hux remunerat*** jew le; ***għall-punti (a), (c), (d), (e) u (f),*** il-Membri għandhom jindikaw ***ukoll waħda mill-kategoriji ta' dħul li ġejjin:***	***2a.*** Għal kwalunkwe punt li jrid jiġi ddikjarat skont l-***paragrafu 2***, il-Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jindikaw jekk dan ***jiġġenerax dħul jew benefiċċji oħra*** jew le.
	Jekk dan jiġġenera dħul, il-Membri għandhom jindikaw ***għal kull punt separat l-ammont rispettiv ta' dak id-dħul u, fejn rilevanti, il-perjodiċità tiegħu. Benefiċċji oħra għandhom ikunu deskritti fir-rigward tan-natura tagħhom.***
— ***Mhux remunerat;***	
— ***minn EUR 1 sa EUR 499 fix-xahar;***	
— ***minn EUR 500 sa EUR 1 000 fix-xahar;***	

Test fis-seħħ	*Emenda*
— ***minn EUR 1 001 sa EUR 5 000 fix-xahar;***	
— ***minn EUR 5 001 sa EUR 10 000 fix-xahar;***	
— ***'il fuq minn EUR 10 000 fix-xahar, b'indikazzjoni tal-eqreb ammont ta' EUR 10 000.***	
Kwalunkwe dħul riċevut mill-Membru għal kull punt irrapportat skont l-ewwel subparagrafu iżda mhux fuq bażi regolari, għandu jiġi kkalkulat fuq bażi annwali, maqsum bi tnax u mqiegħed f'xi waħda mill-kategoriji stabbiliti fit-tieni subparagrafu.	
3. It-tagħrif ipprovdut lill-President skont ***dan l-Artikolu*** għandu jkun ippubblikat fis-sit tal-Parlament f'forma faċilment aċċessibbli.	3. It-tagħrif ipprovdut lill-President skont ***il-paragrafi 1, 2 u 2a*** għandu jkun ippubblikat fis-sit tal-Parlament f'forma faċilment aċċessibbli.
4. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fil-korpi tiegħu, maħtur bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi ***finanzjarji*** tiegħu.	4. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fil-korpi tiegħu, maħtur bħala rapporteur ***jew innominat bħala shadow rapporteur*** jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi ***privati*** tiegħu.
5. Jekk il-President jirċievi informazzjoni, li twasslu biex jemmen li d-dikjarazzjoni tal-interessi ***finanzjarji*** ta' Membru hija sostanzjalment inkorretta jew skaduta, huwa ***jista'*** jikkonsulta mal-***Kumitat Konsultattiv*** previst fl-Artikolu 7. ***Fejn xieraq,*** il-President ***għandu*** jitlob lill-Membru biex jikkoreġi d-dikjarazzjoni ***tiegħu*** fi żmien ***għaxart*** ijiem. ***Il-Bureau jista' jadotta deċiżjoni li tapplika l-paragrafu 4 għal Membri li ma*** jikkonformawx mat-talba ta' korrezzjoni ***tal-President***.	5. Jekk il-President jirċievi informazzjoni, li twasslu biex jemmen li d-dikjarazzjoni tal-interessi ***privati*** ta' Membru hija sostanzjalment inkorretta jew skaduta, ***il-President għandu jitlob kjarifika mingħand il-Membru. Fin-nuqqas ta' kjarifika sodisfaċenti,*** il-President ***għandu*** jikkonsulta lill-***Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri stabbilit skont*** l-Artikolu 7. ***Jekk il-Kumitat Konsultattiv jikkonkludi li d-dikjarazzjoni ma tikkonformax ma' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jirrakkomanda lill-President li jitlob lill-Membru jikkoreġi d-dikjarazzjoni tiegħu. Jekk, wara li jqis dik ir-rakkomandazzjoni,*** il-President ***jikkonkludi li l-Membru jkun kiser dan il-Kodiċi ta' Kondotta, hu*** għandu jitlob lill-Membru jikkoreġi d-dikjarazzjoni fi żmien ***15-il*** jum ***kalendarju***. ***Jekk il-Membru ma*** jikkonformax ma' ***din*** it-talba ta' korrezzjoni***, il-President għandu jadotta deċiżjoni motivata skont l-Artikolu 8(3).Il-Membru kkonċernat għandu l-possibbiltà ta' appell intern skont l-Artikolu 177 tar-Regoli ta' Proċedura***
6. Ir-rapporteurs jistgħu volontarjament jelenkaw fin-nota spjegattiva għar-rapport tagħhom l-interessi esterni li ġew ikkonsultati dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw is-suġġett tar-rapport ([56]).	
([56]) Ara d-Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Settembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza.	

Emenda 11

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Dikjarazzjoni tal-assi
	Il-membri għandhom jiddikjaraw l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom fil-bidu u fit-tmiem ta' kull mandat. Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-lista ta' kategoriji ta' assi u obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ddikjarati u għandu jfassal il-formola għad-dikjarazzjoni. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President u għandhom ikunu aċċessibbli biss għall-awtoritajiet rilevanti, mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali.

Emenda 12

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 5	Artikolu 5
Rigali jew benefiċċji simili	Rigali jew benefiċċji simili
1. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw, ***fil-qadi ta' dmirijiethom***, kwalunkwe rigal jew benefiċċju simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' anqas minn EUR 150 mogħtija skont l-użanzi ta' kortesija jew dawk mogħtija lilhom meta jkunu qed jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew f'kariga uffiċjali.	1. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw, ***fil-kapaċità tagħhom bħala Membri***, kwalunkwe rigal jew benefiċċju simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' anqas minn EUR 150 mogħtija skont l-użanzi ta' kortesija jew dawk mogħtija lilhom meta jkunu qed jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew f'kariga uffiċjali.
2. Kwalunkwe rigal offrut lill-***Membri***, skont il-paragrafu 1, meta ***jkunu qed*** jirrappreżentaw il-Parlament f'kapaċità uffiċjali għandu jintradd lill-President u jiġi ttrattat skont il-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti mill-Bureau skont l-Artikolu 9.	2. Kwalunkwe rigal ***b'valur approssimattiv ta' aktar minn EUR 150*** offrut lil ***Membru***, skont il-paragrafu 1, meta ***jkun*** qed ***jirrappreżenta*** l-Parlament f'kapaċità uffiċjali għandu jintradd lill-President u jiġi ttrattat skont il-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti mill-Bureau skont l-Artikolu 9.
3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, alloġġ u sussistenza tal-Membri, jew għall-ħlas dirett ta' dawn l-ispejjeż minn partijiet terzi, meta l-Membri, fuq stedina u fil-qadi ta' dmirijiethom, jattendu ġrajjiet organizzati minn partijiet terzi.	3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, alloġġ u sussistenza tal-Membri, jew għall-ħlas dirett ta' dawn l-ispejjeż minn partijiet terzi, ***kompletament jew parzjalment,*** meta l-Membri, fuq stedina u fil-qadi ta' dmirijiethom, jattendu ġrajjiet organizzati minn partijiet terzi. ***Il-Membri għandhom jiddikjaraw lill-President l-attendenza tagħhom għal dawn l-avvenimenti u l-informazzjoni meħtieġa skont*** il-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti mill-Bureau skont l-Artikolu 9.
L-ambitu ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari r-regoli għall-iżgurar tat-trasparenza, għandhom jiġu ppreċiżat fil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti mill-Bureau skont l-Artikolu 9.	

Emenda 13

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Il-pubblikazzjoni tal-laqgħat
	1. Il-Membri għandhom jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' interess li jkunu mdaħħla fir-reġistru tat-trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza ([56a]).
	2. Il-Membri għandhom jippubblikaw online il-laqgħat kollha skedati relatati max-xogħol parlamentari
	(a) b'rappreżentanti ta' interess li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza; jew
	(b) ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom.
	3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2 għandu japplika għal-laqgħat li għalihom jattendu l-Membru jew l-assistenti parlamentari tal-Membru f'ismu.
	4. B'deroga mill-paragrafu 2, il-Membri ma għandhomx jippubblikaw laqgħa li l-iżvelar tagħha jipperikola l-ħajja, l-integrità fiżika jew il-libertà ta' individwu jew jistgħu jiddeċiedu li ma jippubblikawx laqgħa fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti oħra għaż-żamma tal-kunfidenzjalità. Dawn il-laqgħat għandhom minflok jiġu ddikjarati lill-President, li għandu jżomm din id-dikjarazzjoni kunfidenzjali jew għandu jiddeċiedi dwar pubblikazzjoni anonima jew ittardjata. Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-President jista' jiżvela tali dikjarazzjoni.
	5. Il-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-websajt tal-Parlament.
	6. L-Artikolu 4(5) għandu japplika mutatis mutandis.
	([56a]) Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

Emenda 14

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 5b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Dikjarazzjoni tal-input
	Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li jiġu ppubblikati laqgħat skont l-Artikolu 5a, ir-rapporteurs għandhom jelenkaw l-entitajiet jew il-persuni li mingħandhom irċevew input dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl f'anness mar-rapport jew l-opinjoni tagħhom. L-Artikolu 5a (4) għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 15

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 6	Artikolu 6
Attivitajiet ta' ex Membri	Attivitajiet ta' ex Membri
L-ex Membri li jimpenjaw ruħhom f'attività professjonali ta' lobbying jew ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew dwar dan u ma jistgħux jibbenefikaw, tul il-perjodu kollu ta' tali impenn, mill-faċilitajiet mogħtija lill-ex Membri skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-rigward mill-Bureau ([57]).	L-ex Membri ***tal-Parlament Ewropew*** li jimpenjaw ruħhom f'attività professjonali ta' lobbying jew ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew dwar dan u ma jistgħux jibbenefikaw, tul il-perjodu kollu ta' tali impenn, mill-faċilitajiet mogħtija lill-ex Membri skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-rigward mill-Bureau ([57]).
	Il-Membri ma għandhomx jinvolvu ruħhom ma' eks Membri, li l-mandat tagħhom ikun intemm sitt xhur qabel u li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5a, fi kwalunkwe attività li tista' tippermetti lill-eks Membri jinfluwenzaw il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Parlament.
([57]) Deċiżjoni tal-Bureau ***tat-12*** ta' April ***1999*** dwar ***il-faċilitajiet mogħtija lill-ex-Membri*** tal-Parlament Ewropew.	([57]) Deċiżjoni tal-Bureau ***tas-17*** ta' April ***2023*** dwar ***l-ex-Membri*** tal-Parlament Ewropew.

Emendi 16, 21cp7, 25cp2-5 u 25cp9

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 7	Artikolu 7
Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri	Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri
1. Huwa stabbilit Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri ("il-Kumitat Konsultattiv").	1. Huwa stabbilit Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri ("il-Kumitat Konsultattiv").

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn ***ħames*** Membri maħtura mill-President fil-bidu tal-mandat tiegħu minn ***fost*** il-membri ***tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali***, ***b'kunsiderazzjoni għal-l-esperjenza*** tal-Membri u l-bilanċ politiku.	2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn ***tmien*** Membri ***attwali tal-Parlament Ewropew,*** maħtura mill-President fil-bidu tal-mandat tiegħu***, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza tal-Membri u l-bilanċ politiku u bejn il-ġeneri.***
Kull Membru tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur ***fuq bażi ta' rotazzjoni***.	***Il-kariga ta' President għandha tinbidel kull*** sitt xhur ***fost il-membri tal-Kumitat Konsultattiv***.
3. Il-President għandu wkoll, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar il-membri ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv.	3. Il-President għandu wkoll, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar il-membri ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv.
Fil-każ ta' ***allegazzjoni*** ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta minn membru ta' grupp politiku ***li*** mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv, il-membru ta' ***riserva*** kkonċernat isir ***is-sitt*** membru sħiħ tal-Kumitat Konsultattiv ***għall-eżami tal-ksur allegat inkwistjoni.***	Fil-każ ta' ***allegat*** ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta minn membru ta' grupp politiku mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv ***jew fil-każ ta' talba skont il-paragrafu 4 dwar tali membru***, il-membru ***ta' riżerva*** kkonċernat isir ***id-disa'*** membru sħiħ tal-Kumitat Konsultattiv.
	3a. Fil-każ li ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta minn membru permanenti jew minn membru ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, il-membru permanenti jew il-membru ta' riżerva kkonċernat ma għandux jieħu sehem fil-proċedimenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar dak l-allegat ksur.
4***. Fuq talba minn*** Membru, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdilu, b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Membru kkonċernat għandu jkollu d-dritt iserraħ fuq tali gwida.	4***. Mat-talba ta'*** Membru, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdilu, b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta***, b'mod partikolari rigward kunflitti ta' interess***. Il-Membru kkonċernat għandu jkollu d-dritt iserraħ fuq tali gwida.
Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv għandu jevalwa wkoll il-każijiet ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u jagħti parir lill-President dwar il-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu.	Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv għandu jevalwa wkoll il-każijiet ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u jagħti parir lill-President dwar il-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu.
	Il-Kumitat Konsultattiv għandu jimmonitorja b'mod proattiv il-konformità mill-Membri ma' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Huwa għandu jindika lill-President kull ksur possibbli ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
	L-allegat ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta jista' jiġi indikat direttament lill-Kumitat Konsultattiv, li jista' jevalwah u jagħti parir lill-President dwar il-possibbiltà li tittieħed azzjoni. Il-Bureau jista' jadotta regoli dwar il-proċedura għas-sinjalar ta' allegat ksur.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jista'***, wara konsultazzjoni mal-President,*** jitlob parir mingħand esperti esterni.	5. Il-Kumitat Konsultattiv jista' jitlob parir mingħand esperti esterni***, b'kunfidenzjalità sħiħa***.

Test fis-seħħ	*Emenda*
6. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu.	6. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu ***u jqajjem l-għarfien tal-Membri dwar dan il-Kodiċi ta' Kondotta u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu fuq bażi regolari***.

Emenda 17

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 8	Artikolu 8
Proċedura f'każ ta' ***eventwali*** ksur ***tal-***Kodiċi ta' Kondotta	Proċedura f'każ ta' ***allegat*** ksur ta' ***dan il-***Kodiċi ta' Kondotta
1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed ***jaħseb*** li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu***, ħlief f'każijiet manifestament vessatorji,*** jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.	1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed ***jemmen*** li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.
2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Abbażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President ***dwar deċiżjoni possibbli***.	2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Abbażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President ***li tinkludi, fejn xieraq, sanzjoni, li tista' tikkonsisti f'waħda jew aktar mill-miżuri elenkati fl-Artikolu 176(4), (5) u (6) tar-Regoli ta' Proċedura.***
Fil-każ ta' ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta minn membru permanenti jew minn membru ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, il-membru jew il-membru ta' riżerva kkonċernati għandu jwaqqaf il-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċedimenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar dak l-allegat ksur.	
3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, u wara li jkun stieden lill-Membru kkonċernat iressaq osservazzjonijiet bil-miktub, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser ***il-***Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata ***li tistipula*** s-sanzjoni. Il-President għandu jgħarraf lill-Membru bid-deċiżjoni motivata.	3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, u wara li jkun stieden lill-Membru kkonċernat iressaq osservazzjonijiet bil-miktub, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser ***dan*** il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata li ***timponi*** sanzjoni. Il-President għandu jgħarraf lill-Membru bid-deċiżjoni motivata.
Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 176(4) ***sa*** (6) tar-Regoli ta' Proċedura.	Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 176(4)***, (5) u*** (6) tar-Regoli ta' Proċedura.
4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibbiltà ta' appell intern skont l-Artikolu 177 tar-Regoli ta' Proċedura.	4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibbiltà ta' appell intern skont l-Artikolu 177 tar-Regoli ta' Proċedura.
	4a. Il-President għandu jinnotifika wkoll lill-Kumitat Konsultattiv nuqqasijiet sistematiċi, severi jew ripetittivi ta' konformità mal-obbligi ta' żvelar stabbiliti f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

Emenda 18

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 9	Artikolu 9
L-implimentazzjoni	L-implimentazzjoni
Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, inkluża proċedura ta' monitoraġġ***, u fejn ikun meħtieġ, għandu jaġġorna l-ammonti speċifikati fl-Artikoli 4 u 5***.	Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, inkluża proċedura ta' monitoraġġ ***tal-konformità u taħriġ għall-Membri***.
Il-Bureau jista' jressaq proposti għar-reviżjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.	Il-Bureau jista' jressaq proposti għar-reviżjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.